**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 372/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Curtis Bakoush**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Curtis Bakoush, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 340689(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli:

1. Nhar l-01 t'Ottubru 2017 għal ħabta tas-7pm ġewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Sta Venera, ikkommetta serq ta' ġizirana minn fuq il-persuna ta' Doris Mallia ta' 77 sena u ċioe' persuna anzjana li għalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur u bil-ħin.
2. Nhar il-11 t'Ottubru 2017 għal ħabta tal-1:07am ġewwa Triq Santa Marija B'Kara, ikkommetta serq ta' ġizirana minn fuq il-persuna ta' Maria Concetta Theuma ta' 82 sena u ċioe' persuna anzjana li għalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur.
3. Nhar it-13 t'Ottubru 2017 għal ħabta tas-7.45pm ġewwa Triq Fleur deLys B'Kara, ikkommetta serq ta' ġizirana minn fuq il-persuna ta' Francesca Rapa ta' 75 sena u ċioe' persuna anzjana li għalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur u bil-ħin.
4. Nhar l-14 t'Ottubru 2017 għal ħabta tas-2.10pm ġewwa Triq l-Isqof Labini, B'Kara, ikkommetta serq ta' ġizirana minn fuq il-persuna ta' Marion Grech ta' 43 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess Marion Grech hekk skont kif iċċertifikat Dr. F. Camilleri (Med Reg No. 5816) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.
6. Nhar il-15 t'Ottubru 2017 għal ħabta tal-10am ġewwa Triq Fleur de Lys Sta Venera, ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Anna Briffa ta' 60 sena u ċioe' persuna anzjana li għalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-valur.
7. Nhar it-02 ta' Novembru 2017 għal ħabta tal-12:15pm ġewwa Triq il-Kbira B'Kara, ikkommetta serq ta' brazzuletta minn fuq il-persuna ta' Rosaria Borg ta' 71 sena u ċioe' persuna anzjana li għalqet l-eta ta' sittin sena ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur.
8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaġuna offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess Rosaria Borg hekk skont kif iċċertifikat Mr. Neville Vassallo (Med Reg No. 2500).
9. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perijodu operattiv ta' disa xhur priġunerija sospiżi għal erba' snin mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. T. Micallef Trigona nhar il-15 ta' Ġunju 2016.
10. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perijodu operattiv ta' tlett xhur priġunerija sospiżi għal sena mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech nhar il-17 ta' Mejju 2017.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta mal-imputat Curtis Bakoush bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 24B, 31, 49, 50, 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(c), 276A, 277(a), 279(a)(b), 280(1),(2), 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat Curtis Bakoush ħati tat-tieni (2), t-tielet (3), l-ħames (5), it-tmien (8), id-disgħa (9), imputazzjonijiet u għaldaqstant illiberatu minnhom filwaqt li sabet lill-istess imputat Curtis Bakoush ħati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tas-sebgħa (7), tal-għaxra (10) imputazzjonijiet u kif ukoll li irrenda ruħhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ikkundanatu għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv. *In oltre*, il-Qorti, ai termini tal-artikoli 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannat lil Curtis Bakoush sabiex iħallas is-somma ta' elf, tlett mija, erbgħa u tmenin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€1,384.81) għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tat-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt, it-tmien u d-disgħa imputazzjonijiet u tħassarha u tannullaha, fil-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel, tar-raba', tas-sebgħa u tal-għaxar imputazzjonijet u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament, tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-kaz odjern.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Joanna Farrugia, Sarah Farrugia u Mariah Spiteri, u dana fis-seduta datata 27 ta' Jannar 2023.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel aggravju ventilat mill-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jilmenta illi kien evidenti minn qari tas-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti ma kellix il-konvinċiment morali li kien propju huwa l-persuna li kien fuq il-post fil-ħin tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati. Huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti waslet sabiex issib ħtija fil-konfront tiegħu meta straħet unikament fuq ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur li kien qiegħed lill-appellant fuq ix-xena tar-reati ndikati fl-akkuża, liema xiehda ma kenitx ikkorroborata u kienet tikkonsisti biss f'opinjoni u għalhekk mhux ammissibbli bħala prova.

Illi kemm il-darba huwa affermat illi qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-

konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, b'mod speċjali l-filmati kollha tac-*CCTV* eżebiti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi l-punt in kontestazzjoni f'dan il-każ huwa wieħed ta' identifikazzjoni, u ċioe' jekk verament kienx l-appellant li kkometta is-serqiet li dwarhom hu kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti, u ċioe', waħda datata l-ewwel (1) ta' Ottubru 2017 għad-detriment ta' Doris Mallia, oħra datata l-erbatax (14) ta' Ottubru 2017 għad-detriment ta' Marion Grech u l-aħħar waħda ġġib id-data tat-tnejn (2) ta' Novembru 2017 għad-detriment ta' Rosaria Borg. L-appellant kien misjub ħati ukoll tal-addebitu tar-reċediva, kif ukoll li ikkommetta dawn ir-reati waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-17 ta' Mejju 2017, kif indikat fl-għaxar imputazzjoni.

Illi minn eżami tal-provi marbuta mas-serqa li seħħet nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru 2017, f'Santa Venera, fil-konfront ta' Doris Mallia, anzjana ta' 77 sena, liema serqa kienet waħda aggravata bil-valur u bil-ħin, jirriżulta mix-xhieda tal-vittma Doris Mallia illi dakinhar tal-inċident, filgħaxija, hija kienet miexja Santa Venera, meta ġiet persuna minn warajha, qaċċtet l-ġizirana li kienet liebsa u telqet tiġri. Il-vittma madanakollu ma kenitx f'posizzjoni tidentifika lill-aggressur tagħha għalkemm setgħet tara li kien persuna tas-sess maskili. Tindika iżda illi meta ġriet wara id-delinkwent li kien seraqha, f'mument minnhom ratu jgħolli idejh 'il fuq u lemħet vettura griża li kienet fit-triq f'dak il-mument. Illi dan l-estratt mix-xiehda ta' Mallia jinkombaċja perfettament mal-filmati meħuda mill-kameras tas-siġurta' (*CCTV*

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*footage*) li ġie elevat mill-akwati tal-inċident, li juru lill-aggressur jiġri wara karozza griża tal-għamla Toyota Vitz u jagħmel sinjal lix-xufier ta' dina l-istess vettura sabiex jibqa' jsuq u jxejjer xi ħaġa f'idejh fl-istess direzzjoni. Din il-persuna tixbah lill-appellant, kif ukoll, il-Qorti tażżarda tgħid, li hija identika għal malvivent li jidher b'mod ċar fil-filmati marbuta mas-serqiet l-oħra, tant illi l-Uffiċjal Proskeutur jidentifika lill-appellant bħala l-istess persuna li jidher f'dan il-filmat. Mill-provi prodotti rriżulta ukoll li oħt l-appellant, Judith Bakoush, kellha vettura griża tal-għamla Toyota Vitz. Il-vittma xehdet ukoll illi l-ġiżirana li nsterqet kienet waħda tad-deheb u kienet ilha għandha madwar hamsa u tletin (35) sena.

Illi t-tieni serqa li dwarha nstabet il-ħtija seħħet nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru 2017, ġewwa Birkirkara, fil-konfront ta' Marion Grech, liema serqa kienet aggravata bil-vjolenza u bil-valur. Il-vittma xehdet li dakinhar ta' l-erbatax (14) ta' Ottubru 2017 wara nofsinhar, hija kienet Birkirkara ġewwa l-vettura tagħha tiekol *pizza* għad-dell, meta ġiet persuna fuqha, zammitilha idejha u ħatfitilha ġizirana tad-deheb minn għonqa. Hija ddeskriviet lill-aggressur tagħha bħala samrani, mhux twil, liebes flokk griz u snienu kbar. Marion Grech filfatt għarfet lill-appellant bħala l-persuna li kienet serqitha, l-ewwel matul l-investigazzjonijiet tal-pulizija meta kienet għażlet ir-ritratt li kien juri lill-appellant u dan minn *album* tar-ritratti voluminuż li urewha l-Pulizija ġewwa l-għassa ftit tal-ħin wara l-inċident, u sussegwentement fil-qorti waqt id-deposizzjoni tagħha. Anke omm il-vittma li dak il-ħin kienet fil-vettura magħha għarrfet ukoll lill-appellant bħala l-aggressur. Magħdud ma' dan kollu, ġie ppreżentat ukoll filmat meħud minn kameras tas-sigurta' (*CCTV*) fejn fil-ħin tas-serqa fid-data in kwistjoni, jidher l-appellant liebes flokk griz, kif iddeskrivitu l-vittma, li kien qed jaħrab minn fuq ix-xena tar-reat. Xehdet ukoll Dr Francesca Camilleri, li ċċertifikat l-ġrieħi subiti mill-vittma li f'dan il-każ kienu ta' natura ħafifa.

Illi it-tielet serqa li tagħha nstab ħati l-appellant, hija dik datata tnejn (2) ta' Novembru 2017, li seħħet ġewwa Birkirkara, fil-konfront ta' Rosaria Borg, anzjana ta' wieħed u sebgħin (71) sena, liema serqa kienet aggravata bil-vjolenza u bil-valur. Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, Rosaria Borg stqarret kif dakinhar tas-serqa

kienet qed taħsel il-ħanut tagħha, meta daħlet persuna tas-sess maskili tistaqsiha jekk setatx issarraflu xi flus. Hija kienet weġbitu fin-negattiv, iżda ġiet aggredita bi vjolenza u għalkemm ppruvat tiddefendi ruħha, madanakollu id-delinkwent serqilha ċappetta u telaq jiġri minn fuq il-post. F'dan il-każ ukoll, il-vittma għarfet lill-appellant bħala l-aggressur tagħha matul id-deposizzjoni tagħha quddiem l-Ewwel Qorti. Magħdud ma' dan kollu, hemm in atti ukoll filmat li juri lill-appellant miexi lejn il-ħanut tal-vittma, fid-data u l-ħin tas-serqa, u ftit sekondi wara jidher jiġri fid-direzzjoni l-opposta. Il-vittma ukoll sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa f'dan l-inċident kif iċċertifikat mill-Professur. Neville Vassallo.

Illi f'dan il-kwadru probatorju, għalhekk, għal kuntrarju ta' dak li jallega l-appellant, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ressqet provi b'saħħithom li jippuntaw fid-direzzjoni tiegħu bħala l-awtur tar-reati li dwarhom kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti u li din is-sejbien ta' ħtija ma kenitx imsejsa unikament fuq ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur li igħid li għaraf lill-appellant fil-filmati. Illi f'dan ir-rigward jingħad illi l-identifikazzjoni magħmula minn ufficjal għoli tal-pulizija, meta abbinata ma' provi indizzjarji oħra, hija waħda rilevanti u dan għaliex, kif huwa ippruvat li seħħ f'dan il-każ fejn l-appellant, li jidher li xellef difrejgħ mal-ġustizzja f'iktar minn okkazzjoni waħda kif tixhed il-fedina penali tiegħu, huwa persuna magħrufa sew mal-pulizija li trattaw miegħu f'każijiet oħra fil-kors tad-dmirijiet tagħhom. Illi fil-każ **Regina v Caldwell and Dixon** (1993 CLR862), saret identifikazzjoni tal-persuni tal-akkużati mill-pulizija minn fuq *video-recording* li kienet ittiehdet tas-serqa mertu tal-każ. Intqal hekk f'dan il-pronunzjament ġudizzjarju brittaniku:

> ***"When the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible - R v Caldwell and Dixon 1993 CLR 862. Much will depend on the circumstances of the recognition: if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition evidence being ruled inadmissible.***
>
> ***Recognition, all would surely agree, is generally more reliable than identification of a stranger and accordingly it ordinarily deserves greater evidential weight. The mere fact that police officers' knowledge of an accused***

> ***comes from the accused's previous criminal activities cannot operate to bar the admissibility of their recognition evidence—any such approach would unfairly advantage those with criminal records[2]."***

Issa l-Ewwel Qorti straħet fuq il-prova tal-identifikazzjoni magħmula mill-Ispettur James Grech unikament għas-serqa indikata fl-ewwel imputazzjoni u dan għaliex marbuta ma' din l-identifikazzjoni kien hemm provi oħra indizzjarji, kif spjegat iktar 'il fuq, li kienu jorbtu lill-appellant ma' din is-serqa. Illi meta fir-rigward tal-imputazzjonijiet oħra l-unika prova kienet din l-identifikazzjoni, l-Ewwel Qorti għażlet li twarrabha għaliex ma kenitx b'saħħitha waħedha biex twassal għal sejbien ta' ħtija, għalkemm kif ingħad hemm filmati ċari ħafna li juru lill-malvivent fuq ix-xena tar-reat li huwa identiku għal dak li jidher f'filmati oħra.

Illi fuq kollox fir-rigward ta' tnejn minn tlett serqiet, il-vittmi identifikaw lill-appellant bħala l-bniedem li aggredihom u seraqhom, fejn fis-serqa għad-detriment ta' Marion Grech, kien hemm identifikazzjoni magħmula wkoll minn ommha li kienet magħha fil-vettura meta bintha ġiet derubata, u fir-rigward tas-serqa li seħħet għad-detriment ta' Rosaria Borg, il-malvivent għamel xi ħin jitkellem mal-vittma tiegħu qabel ipproċeda biex jisraqha sabiex din l-identifikazzjoni kienet waħda b'saħħitha u dan kif mgħallem ukoll fil-linji gwida stabbiliti fil-każ *Turnbull* li huma spiss segwiti minn dawn il-qrati[3].

---

[2] ***https://www.crimeline.info/case/r-v-caldwell-and-dixon***

[3] QB224 1977 - "***First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***

***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason***

*In oltre*, fil-kaz tat-tlett serqiet, kif ingħad, il-filmati meħuda minn kameras tas-sigurta' (*CCTV*) ipoġġu lill-appellant fuq ix-xena tar-reati imsemmija u fejn il-movimenti tal-malvivent, li dehru fuq dawn il-filmati, jikkorroboraw dak li xehdu l-vittmi - provi indizzjarji għalhekk li huma ħolqa fil-katina tal-evidenza li tipponta direttament lejn l-appellant meta abbinata mal-provi diretti u okulari.

Illi fid-dawl tas-suespost, mill-provi prodotti, dina l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha hija moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi li kien propju l-appellant li kkometta t-tlett serqiet li dwarhom huwa kien misjub ħati.

Stabbilit dan kollu, jirriżulta imbagħad mill-atti proċesswali, illi ingħataw diversi sentenzi fil-konfront tal-appellant minn dawn il-qrati datati 21 ta' Jannar 2008, l-1 ta' Awwissu 2008, it-13 ta' Jannar 2012, it-28 ta' Novembru 2013, it-3 ta' Marzu 2016, il-15 ta' Ġunju 2016 u s-17 ta' Mejju 2017 rispettivament li kollha għaddew in ġudikat, fejn allura huwa evidenti li l-appellant huwa pluri-reċediv u kkometta r-reati lilu addebitati fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Mingħajr tlaqliq, dina l-Qorti tgħid li hija taqbel mar-raġunament fir-rigward kontenut fis-sentenza appellata sabiex b'hekk il-ħtija dwar l-addebitu tar-reċidiva u l-ksur tas-sentenza sospiża qed tkun ikkonfermata.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha premessi, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jkun respint.

---

***to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.***"

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-ewwel aggravju, il-gravam rimanenti mressaq mill-appellant jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' erba' snin priġunerija. L-appellant jilmenta li l-imputazzjonijiet addebitati lilu jirrisalu għall-perijodu fejn huwa kien afflitt minn problema ta' dipendenza fuq sustanzi illeċiti u li meta l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tikkalibra l-piena, hija injorat għal kollox l-aspett riedukattiv u rijabilattiv ta' l-istess.

Illi jiġi ribadit illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija, ċioe` din il-Qorti, kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[4] .

Dan magħdud, madanakollu din il-Qorti xortawaħda tat opportunita' lill-appellant iressaq ix-xhieda li setgħu jagħtuha stampa tat-triq ta' rijabilitazzjoni li huwa bħal issa miexi fiha. Illi mix-xhieda ta' Joanna Farrugia, Sarah Farrugia u Mariah Spiteri, professjonisti li lkoll isegwu l-appellant waqt li jinsab detenut ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, jidher illi l-appellant qiegħed jirreġistra progress fl-imġieba tiegħu u miexi fid-direzzjoni t-tajba. Madanakollu jidher illi huwa qiegħed juri interess fir-rijabilitazzjoni tiegħu diment li jinsab inkarċerat sabiex il-Qorti ma għandiex is-serħan tal-moħħ illi huwa ma jerġax jaqa' fit-triq tal-kriminalita' hekk kif joħroġ mill-ħabs, iktar u iktar minħabba li, kif jixhdu dawn ix-xiehda, huwa ġej minn familja kriminoġenika. Il-Qorti hija tal-fehma illi qabel l-appellant jindirizza bis-serjeta il-problema tiegħu tal-vizzju tad-droga, u dan billi jattendi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni, ser jibqa' il-periklu ta' kummissjoni ta' reati ġodda. Abbinat ma' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti lanqas ma tista' tinjora n-natura serja tar-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ħati - sensiela ta' serqiet bil-vjolenza fuq nisa anzjani u vulnerabbli, li f'żewġ istanzi kienu akkompanjati bl-offiża fuq il-persuna, għalkemm ta' natura ħafifa. Abbinat ma' dan, r-*res furtiva* qatt ma ġiet irritornata lis-sidien rispettivi kif lanqas kienu kkumpensati mill-appellant

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

għat-telf li sofrew kaġun tal-aġir kriminali tiegħu. Finalment il-fedina penali voluminuża u kkulurita tal-appellant titkellem weħidha u ma tistax tiġi njoratha

Illi allura ġaldarba l-piena nflitta kienet waħda fil-parametri tal-Liġi kif ukoll kienet tirrispekja s-serjeta' tar-reati kommessi, li lkoll saru għad-detriment ta' persuni anzjani u vulnerabbli, kif ingħad aktar' il fuq, l-Qorti ma tqisx li għandu jkun hemm xi forma ta' mitigazzjoni fil-piena mposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jindirizza l-problema tiegħu tal-vizzju tad-droga.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

**Notifika: Direttura Aġenzija Korrettiva ta' Kordin**